MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 1152/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joe Agius)**

**VS**
**George Camilleri**

**Seduta ta' nhar l-ewwel (1) ta' Frar, 2011.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi l-imputat **GEORGE CAMILLERI** ta' erbgha w erbghin sena bin Gerard u Inez nee' Zammit, imwieled Paola nhar l-1 ta' Gunju, 1964 u residenti gewwa l-fond b'numru 57, Triq Abela, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 295064 (M), gie mressaq quddiemha w akkuzat:

Talli nhar it-22 ta’ Novembru 2008 ghal habta ta’ xi t-tmienja w nofs ta’ filghodu (08.30hrs) f’dawn il-gzejjer, u cioe’ go G’Mangia Hill, Pieta’, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, w cioe’ attentat ta’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Psaila minn Hal Luqa, u dan billi wera dan il-hsieb b’atti eseterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi tefa’ affarijiet fid-direzzjoni ta’ John Psaila minn Hal Luqa, u cioe’ armi, strumenti u ghodod ohra li ma jitqiesux bhala armi hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza u f’dan l-kaz jissejhu armi irregolari, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta’ tieghu.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika konta l-persuna ta’ John Psaila minn Hal Luqa, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti.

U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ John Psaila minn Hal Luqa, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess, jum, data, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ John Psaila min Hal Luqa hekk kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D. Reg No. 2955, mic-centru tas-Sahha tal-Furjana.

U aktar talli fl-istess, jum, data, hin u lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ diversi oggetti proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara hija ta’ iktar minn hamsin lira Maltin (LM50) jew mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn

hames mitt lira maltin (LM500) jew elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha w sittin centesmu (€1164.69).

U aktar talli fl-istess, jum, data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' John Psaila minn Hal Luqa weggghu b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi bil-fomm hedded serjament lil John Psaila minn Hal Luqa, b'delitt u cioe' bi qtil.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil John Psaila minn Hal Luqa ingurji jew theddid mhux imsemmija band' ohra f'dan il-Kodici jew jekk ikun provokat jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni .

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti jew ghamel gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew decenza pubblika .

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' John Psaila minn Hal Luqa.

Semghet ix-xhieda prodotta ill-prosekuzzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru 2008 markat bhala Dok AJP 1 a fol. 19, sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju minn din il-Qorti bil-kompentenza taghha fuq imsemmija.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 fejn l-Ufficcjal Prosekutur u l-avukat tad-difiza ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz tal-imputat jigi deciz minn din il-Qorti kif presjeduta, w ghalhekk awtorizzaw lil din il-Qorti kif komposta sabiex tkompli

tisma’ x-xhieda tal-kaz biex b’hekk tkun f’posizjoni ahjar li taghti s-sentenza taghha.

Ikkunsisdrat:-

Illi nhar is-27 ta’ Frar 2009 xehed **PC 1195 Conrad Debattista** fejn stqarr li nhar it-22 ta’ Novembru 2008 huwa kien ircieva telefonata minghand John Psaila fil-kapacita’ tieghu ta’ *supervisor* tal-garaxx tal-ambulanzi u dan kien infurmah li kellu argument ma’ George Camilleri. Huwa mar fuq il-post u cioe’ fil-garaxx tal-ambulanzi, w appena dahal fl-ufficcju tas-Sur Psaila nnota li kien hemm bieb tal-*aluminium* bil-hgieg imkisser u nnota wkoll li kien hemm diversi oggetti mitfughin mal-art. Psaila kien qallu li huwa kien talab lill-imputat sabiex imur jigbor tlieta min-nies permezz ta’ l- ambulanza w johodhom l-Ipstar Mater Dei. Skond Psaila dan irrispondih li kellu saqajgh jugghuh u ma setax imur. Qallu wkoll li huwa ma kellux nies lil min jibghat u ghalhekk kellu jmur bilfors. Dan Psaila spjegalu ukoll li Camilleri kien qed jghidlu li huwa kien imqabbad mieghu u li kien qed idejqu bl-attitudni tieghu fuq ix-xoghol.

Qal ukoll li Psaila kien rah niezel mill-ufficcju tieghu imur hdejn il-karozza tieghu jigbor injama sabiex imur jghatih biha. Psaila jghid pero’ li kien hemm xi nies li pprovaw iwaqqfuh. Psaila jghid li l-imputat ta daqqa fuq il-bieb tal-aluminium bl-injama w precizament fuq il-parti tal-hgieg fejn inkiser il-hgieg.

Psaila qallu li appena nkiser il-hgieg, l-imputat fetah il-bieb, dahal gewwa l-kamra u waddab xi affarijiet fid-direzzjoni tieghu. Qallu li wara l-incident huwa telaq minn fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud jghid li baghat ghal dan l-imputat u li dan qallu li Psaila kien qed jaqbad mieghu, ammetta li sehh l-incident li kien qallu dwaru Psaila. Spejga li fost l-affarijiet li ra ma l-art kien hemm it-*toaster* u l-kitla. Ikkonferma li l-imputat kien anzjuz dak in-nhar li kellmu w fil-fatt kien urih certifikat mediku li juri li kien taht il-kura medika w li kien qed jiehu medicini ghall-ansjeta’ li kellu. Huwa esebixxa l-okkorenza relattiva ghal dan il-kaz li giet immarkata bhala Dok CPD1.

Ikkonferma li mieghu l-imputat ma kienx aggressiv u li kkopera hafna w qallu li kien imdejjaq hafna bis-sitwazzjoni, cioe' li Psaila kien jaqbad mieghu, ghalkemm deher kalm u qallu li dan kien incident izolat. Ikkonferma li l-imputat kien qallu li huwa waddab xi affarijiet lil Psaila u li kien laqtu ukoll fuq rasu w fuq xufftejh, izda cahad li kien laqtu bl-injama. Skond Psaila huwa kien laqtu bit-*toaster* u bil-kitla. Ikkonferma li l-injama ma ntuzatx fl-incident, fis-sens li l-imputat ma sawwatx biha.

Illi fis-27 ta' Frar 2009 xehed l-**Ispettur Joseph Agius** u qal li dakinhar tat-23 ta' Novembru 2008 ghal habta tas-5.45 a.m. kien gie infurmat minn PS 1195 li gewwa l-garaxx tal-ambulanzi fil-Pieta' kien sehh argument fejn John Psaila kien gie milqut b'*toaster* u b'kitla, w li bhala rizulta kien garrab xi griehi ta' natura hafifa. Jghid li dan PS 1195 kien indikalu lill-imputat bhala l-persuna li aggrediet lil Psaila. Huwa ghalhekk cempel lil dan Camilleri w minnufih dan mar l-ghassa. Dan l-imputat irrilaxxja stqarrija skond il-ligi quddiem PS 1195 Conrad Debattista.

L-imputat qallu li Psaila kien ordnalu jmur jerfa' xi pazjenti w dan wiegbu li ma kienx possibbli peress li kellu irkobbtu tugghu. Psaila qallu li ma kellux lil min jibghat floku w li ghalhekk kellu jmur bilfors. Qal li dak il-hin Psaila gholla lehnu mieghu, w fil-fatt qabzitlu, nizel isfel mar u gabar injama mill-karozza tieghu, kisser il-bieb tal-*aluminium* u qal li jaf li qabad *toaster* u waddabha fid-direzzjoni ta' Psaila. Qallu wkoll li ma jafx jekk laqtux jew le. L-imputat qallu li huwa jbati minn ansjeta' u fil-fatt kien qieghed taht kura medika. Huwa gie moghti certifikat mediku li pprezenta fl-atti w li gie mmarkat bhala Dok PJA 1.

In kwantu ghad-danni sofferti ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta dawn jammontaw ghal disghin Ewro skond l-istima Dok PJA 2 mahruga mis-socjeta' ICS Aluminium Works. Huwa esebixxa l-istqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok PJA 3 u huwa gharaf il-firma tieghu, dik ta' PS 1195 u tal-imputat fuqha. Huwa esebixxa wkoll ic-certifikat rigward il-feriti li kellu Psaila, liema certifikat jindika li l-feriti

kienu ta’ natura hafifa. Dan gie mmarkat bhala Dok PJA 4.

**John Psaila** xehed nhar it-13 ta’ April 2010 u kkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta’ *supervisor* fil-garaxx ta’ l-ambulanzi, u li huwa inkarigat mit-tqassim tax-xoghol tal-ambulanzi. Spjega li dakinhar tat-22 ta’ Novembru 2008 huma kellhom xi pazjent li jizen 220 kg u kienu ghamlu arrangamenti mill-gurnata ta’ qabel flimkien ma’ tas-Civil Protection biex imorru fuq il-post biex jigbruh. Huwa baghat lill-imputat, pero’ dan irrifjuta li jmur u hu qallu li sabiex ma jmurx kellu jtih certifikat mediku li juri li verament kien ma jiflahx, u dan ghaliex jghid li kien ordnat li jaghmel hekk mill-*manager* ta’ fuqu. Dan qallu li kien ser imur igib certifikat, pero’ minflok nizel fil-karozza tieghu, qabad injama tonda li kienet twila madwar zewg piedi, rega’ tela’ w beda jkisser il-hgieg ta’ l-ufficcju tieghu. Ikkonferma li dan dahal gewwa fl-ufficcju tieghu, waddablu *toaster*, kitla w qaleb is-siggu u habat ghalih bl-injama. Qal li dan nonostante ma laqtux ghax zelaq fuq il-hgieg li kien kisser hu stess. Qal li meta dan kien qieghed bl-injama gewwa l-ufficcju qallu li dan kien ic-certifikat li ghandu ghalih. Jghid li mal-imputat kien hemm certu George vella li beda jipprova jzomm lill-imputat. Meta l-imputat telaq, huwa cempel lill-pulizija. Huwa mar il-polyclinic u dan ghaliex kellu griehi ta’ natura hafifa minhabba titjir ta hgieg. Jghid li ma giex milqut bit-*toaster* u bil-kitla li waddablu l-imputat ghax kien tbaxxa.

Nhar it-3 ta’ Dicembru, 2010 xehed **George Vella**, xufier tal-ambulanzi. Ftakar li fit-22 ta’ Novembru, 2008 huwa kien xoghol fil-garaxx tal-ambulanzi, u li f’xi hin sema’ l-ghajjat gej min-naha tal-bieb tal-garaxx u mar jara x’gara. Jghid li ra lill-imputat, li jahdem mieghu w gharfu prezenti fl-Awla, riesaq b’injama f’idu. Qal li mill-imgieba tieghu, l-imputat kien jidher li kellu xi jghid ma’ xi hadd, u allura hu mar biex jipprova jwaqqfu, pero’ dan warrbu w baqa’ tiela’ fuq fejn hemm l-ufficcju tas-supervisor taghhom u r-rest room. Qal ukoll li dak il-hin lilu waqaghlu n-nuccali w sakemm gabru sema’ hgieg jinkiser u allura mar jara w sab lill-imputat George Camilleri hdejn il-bieb u li kien hemm hgiega mkissra. Jghid li gibed lil Camilleri ‘l barra

mill-kamra w ikkalmah. Zied li fl-ebda hin ma rah li gie fl-idejn.

Mistoqsi jekk jafx lil John Psaila, wiegeb li jafu w li dakinhar rah fl-ufficcju tas-supervisor, pero' jghid ukoll li dakinhar la ralu feriti w lanqas dmija. Fuq domanda tal-Qorti jekk l-imputat kellmux wiegeb li jaf li kellu xi kwistjoni fuq xoghol u li kien mifxul. Spjega li ftit wara hu kellu jitlaq ghax kien hemm pazjent tqil hafna w kien hemm bzonn sitta min-nies taghhom u tnejn ohra tas-CPD biex iqandluh. Pero' l-imputat ma marx maghhom.

Kompla jispjega li huwa gol-ufficcju ma dahalx u kull ma ra kienet il-hgiega miksura. Jghid li ra lill-imputat ipoggi l-injama f'rokna u jipprova jifah il-bieb bl-id l-ohra w kien proprju f'dak il-hin li hu qabdu. Insista li fl-ebda hin ma ra lill-imputat isawwat lil Psaila, anzi jghid li bejn l-imputat u Psaila kien hemm distanza konsiderevoli x'hin wasal hu. Sostna li effettivament l-imputat pogga l-injama fir-rokna qabel ma dahal fl-ufficcju, u li fl-ebda hin ma ra ghodod, strumenti jew armi f'id l-imputat.

Ghalkemm jghid li skond hu r-relazzjoni ta' bejn Psaila w Camilleri mhix tajba, ma setax jghid li s-supervisor huwa mqabbad mal-imputat, ghalkemm zied li Psaila ma jimxix ma' kulhadd xorta.

Imbaghad qal li l-kaz inqala' ghax l-imputat intalab jghin fit-tqadil ta' persuna tqila w oggezzjona ghax kien mugugh b'dahru, pero' Psaila nsista li xorta jghin. Fl-ahhar qal li hu kien jaf minn qabel li l-imputat ibati b'dahru.

Fit-3 ta' Dicembru, 2010 xehed ukoll **Jesmond Agius** li ddikjara li hu proprjetarju tas-socjeta' Euroim JSM Limited. Ikkonferma li l-istima a fol. 33 ghal Swivel chair, fl-ammont ta' disghin Ewro, harget mis-socjeta' tieghu, u li din ingabret minn certu Michael Borg.

Dakinhar xehed ukoll **Charlie Calleja** li kkonferma li l-istima mmarkata bhala Dok. PJA2 a fol 32 tal-atti, harigha hu fit-22 ta' Novembru, 2008 u tirrigwarda aluminium

structure li jinfed ghall-ufficcju tas-supervisor fil-garaxx tal-ambulanzi u l-hsara li kien hemm tammonta ghal mija w hamsa w sittin Ewro.

Fil-21 ta' Dicembru, 2010 xehed **Joe Bonello** Segretarju tat-Taqsima tas-Sahha li jirrapprezenta lill-haddiema, li qal li l-imputat kien kellmu bosta drabi dwar problemi amministrattivi li kien qed jiffaccja fil-garaxx fejn jahdem. Spjega li kienu ghaddejjin bi trattativi ghaliex il-management kien jitratta hazing lis-sewwieqa. Ftakar li George Camilleri kien imdejjaq fuq ix-xoghol u kien talab transfer ghaliex Michael Borg, John Psaila u certu Scerri kienu mqabbdin mieghu. Jghid li hu kien tah parir biex ma jiehu l-ebda inizjattiva minn jeddu, imma biex dejjem imur ikellem lilu, w fil-fatt dan hekk kien jaghmel, u flimkien kienu talbu li l-imputat ikun trasferit band' ohra. Ftakar ukoll li darba minnhom, wara li l-imputat kien dahal ghax-xoghol wara l-mard, Psaila kien tefaghlu l-karti ghal wiccu, w meta l-imputat kien mar ikellmu (lix-xhud), hu kien qallu biex ma jaghtix kaz.

Kompla jirrakkonta kif tlett ijiem qabel l-incident in kwistjoni, l-imputat kien infurmah li Psaila ma kienx hallih jiffirma w kien qed jidhaq bih. Ghalhekk hu kien qallu biex jitlaq lejn id-dar u nforma direttament lid-Direttur Generali b'dan.

Kompla jghid li dakinhar tal-incident kien qallu li kien diehel lura x-xoghol u li kienu diga' bdew jizzikawh, u hu qallu biex jekk jinqala' xi haga jerga' jmur lura d-dar. Sussegwentement wara li nqala' l-incident, George Camilleri kien cempillu w qallu x'kien gara, w hu qallu biex imur id-dar u ha hsieb jinforma b'kollox lill-awtoritajiet u bdew l-investigazzjonijiet. Ix-xhud sostna li Psaila ma kellux problemi mal-imputat biss, izda kien jitratta hazin anke lil haddiema ohrajn. Huwa jghid li George Camilleri qatt ma kellu problemi ma' shabu fuq ix-xoghol.

Fl-istess seduta tal-21 ta' Dicembru, 2010 xehed ukoll **Anthony Micallef** li kkonferma li hu sar jaf lill-imputat George Camilleri meta kien jahdem St. Luke's. Fil-fatt damu jahdmu flimkien ghal xi sena w kellhom relazzjoni

tajba bejniethom. Qal li dakinhar tal-incident filghodu hu kien xoghol u ftakar li malli Psaila kien wasal ghax-xoghol kien tefa' ghal gol-van ta' George. Imbaghad hu (x-xhud) hareg bix-xoghol u meta mar lura l-garaxx sab li kien sehh l-incident in kwistjoni. Ikkonferma li kien jaf li l-imputat kien qed ibati b'saqajh dak iz-zmien.

Iddeskriva lil Psaila bhala persuna arroganti hafna w jghajjat mal-haddiema. Qal li kien talab transfer minn hemm ghax hu wkoll kellu kwistjoni ma' Psaila. Anzi zied li hu mhux l-unika persuna li kellu jitlaq minhabba fih u fil-fatt telqu xi seba' ohra. Qal li wara l-incident hu kien wassal lil Psaila l-polyclinic u ma kien jidher li kellu xejn.

Dakinhar stess xehed **Vince Camenzuli** li ddikjara li ilu jahdem fl-ambulanzi xi disa' jew ghaxar snin, u daqshekk ilu jaf lill-imputat. Ikkonferma li Camilleri kien imur tajjeb hafna mal-pazjenti. Stqarr li kellu jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minhabba John Psaila u minhabba f'hekk tilef mal-mitejn Ewro fix-xahar. Qal li darba Psaila kien ghamillu tliet charges f'jum wiehed. Ma kienx prezenti meta gara l-incident.

Fl-istess seduta tal-21 ta' Dicembru, 2010 xehed **l-imputat George Camilleri** li ddikjara li ilu jahdem fl-ambulanzi mad-Dipartiment tas-Sahha, ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena w li problemi ma' shabu fuq ix-xoghol qatt ma kellu. Spjega li ilu sospiz mix-xoghol sa min-Novembru tas-sena 2008 u tul dan il-perjodu hu dejjem ha nofs paga, cioe' tliet mija w hamsa w hamsin Ewro (€355). Qal li lil John Psaila hu kien jirrispettah bhala huh u kien joqghod ghal dak li jikkmandah, pero' Psaila kien dejjem jaqbad mieghu, bhal per ezempju jqabbdu jsuq vetturi minghajr m'ghandu licenzja tas-sewqan ghalihom, kien jiehdu bil-herra, jghajjat mieghu, jiksru quddiem in-nies u jipprovokah. Iddeskriva lil Psaila bhala 'bniedem selvagg'. Ikkonferma li xahar qabel l-incident, hu kien talab transfer w esebixxa dokument li juri dan, li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. Z. Spjega li xoghlu mhux li jsuq l-ambulanzi tal-emergenza, imma bhala Community Service, fis-sens li jigbru l-pazjenti mid-dar biex johduhom ghall-kura fl-isptar. Qal li r-rotta tieghu hi dik tal-Mellieha u n-naha ta' fuq ta'

Malta, u kulhadd ikollu r-rotta tieghu. Qal li Psaila kien qala' lil kulhadd u rega' poggha lil kulhadd f'postu barra lilu. Jghid li minhabba l-atteggjament ta' Psaila fil-konfront tieghu hu kien qed ibati minn depression. Ipprezenta certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. X. Kompla li f'dak iz-zmien kien qed ibati wkoll minn ugih f'dahru w kellu wkoll problemi familjari minhabba kondizzjoni medika li jbati minnha ibnu. Dwar dan ipprezenta MAP Session Report li gie mmarkat bhala Dok. Y. Barra minn hekk kellu wkoll bzonn ta' replacement f'irkopptu w dan ippruvah permezz tad-dokument immarkat Dok. W. Sostna li s-Sur Psaila kien jaf b'dak kollu hu kien ghaddej minnu.

Ftakar li fil-gurnata tal-incident, is-Sur Psaila ma riedx jibaghtu bil-coach bhas-soltu, minflok riedu jmur jerfa' persuna ta' 'l fuq minn mitejn kilo flimkien ma' tliet impjegati ohra, w allura hu kien wiegbu li ma setax imur minhabba rkopptu. Jghid li Psaila ma riedx jaf u beda jghajjat mieghu u kellmu hazin, u ghalhekk hu tela' fuq. Kellu njama f'idu w kisser il-hgiega tal-bieb. Jghid li d-distanza bejnu w is-Sur Psaila kienet ta' xi tliet piedi w li kieku ried jolqtu seta' jaghmel hekk facilment, imma hu ma kellux il-hsieb li jwegghu. Skuza ruhu w jiddispjacih tal-hsara li ghamel, u ghal dan il-ghan issellef mitejn u hamsa w hamsin Ewro (€255) biex ikun jista' jaghmel tajjeb ghal din il-hsara, liema flus gew mghoddija lill-Ispettur.

Semghet lil **Michael Borg** jixhed fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2011. Spjega illi huwa jahdem bhala *Senior Foreman* fil-garaxx tal-ambulanzi u li kien qed jixhed in rapprezentanza tas-Sur Barbieri, HR Director tal-Administration. Ikkonferma li fil-fatt kien hemm diversi akkuzi fil-konfront ta' John Psaila. Disgha minn dawn l-akkuzi kienu jirrigwardaw il-fatt li meta saret spezzjoni fuq ix-xoghol huwa ma kienx prezenti. Fis-26 ta' Marzu 1992, is-sur Psaila kien gie nterrogat mis-CID fuq allegat serq ta' *dictaphone* fejn effettivament kien ukoll instab hati ta' dan ir-reat. Fid-9 ta' Marzu 1993 kien instab hati talli wera mgieba hazina mal-kollegi tieghu. U fit-30 ta' Novembru

1997 kien uza kliem mhux xieraq konsistenti f' *'foul language'* fil-konfront tan-*nursing officer* tieghu. B'dan nonostante fis-6 ta' Dicembru 2007 l-istess John Psaila lahaq *supervisor*. Ikkonferma li rapporti fil-konfront ta' l-imputat George Camilleri, la mill-pazjenti w lanqas mill-kollegi tieghu qatt ma kien hemm, salv il-kaz in ezami.

Rat il-verbal li gie registrat fl-atti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2011 fejn inghad li l-Ufficjal Prosekutur Joseph Agius esebixxa ricevuta tal-hlas tal-pagament li ghamel l-imputat lir-Revenue Section tal-garaxxijiet tal-ambulanzi u dan fit-30 ta' Dicembru 2010 li giet mmarkata, bhala Dok. S u li ghalhekk is-socjeta' mhi qed issofri l-ebda danni pekunjarji ohra - w cioe' li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-Gvern ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. L-imputat kien wasal ghax-xoghol bhas-soltu w meta wasal u kien ser jipparkja, l-vittma Psaila kien issikkah bil-vettura tieghu. Wara kien talbu sabiex jassisti xi nies li kienu sejrin jigbru pazjent li kien jizen aktar minn 230 kilo, sabiex jakkompanjawh l-isptar Mater Dei. L-imputat qal lil dan Psaila li ma setax jaghmel hekk ghaliex kellu irkopptu tugghu, u li ghalhekk ma setax jerfa'. Dan nonostante Psaila ma fehmux w ordnalu jmur xorta. L-imputat ha ghalih nizel isfel u mar jigbor injama mill-vettura tieghu. Tela' fuq kisser il-hgiega tal-bieb tal-ufficcju ta' Psaila, dahal gewwa w waddab il-kitla u t-*toaster* li kien hemm mal-art u telaq 'l hemm. Minnufih Psaila irraporta l-kaz lill-Pulizija w l-imputat telaq minn fuq il-post.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha ssostni li l-imputat kien provakat b'dak li ghamel u dan ghaliex Psaila kien ilu hafna mqabbad mieghu, tant li kien talab li jinghata transfer kemm-il darba, w in oltre jghid li dan ma kienx jittrata mieghu kif kien jaghmel mal-ohrajn. In oltre sostna li dan Psaila huwa persuna kattiva, taqbad man-nies u mhix sensittiva mal-bzonnijiet tal-haddiema li jaqghu tahtu. Id-difiza tghid ukoll li l-imputat ghamel dak li

ghamel sforz is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha dakinhar, u cioe' li kien mugugh u li kellu jmur igorr persuna li kien jizen 230 kilo bla ma Psaila tah widen ghall-ilment tieghu. Huwa ressaq diversi xhieda sabiex isostni dak li jemmen fih u biex jispjegaw dak li effettivament kien gara dakinhar tal-incident.

Il-Qorti trid taghmel apprezzament tal-Ligi, partikolarment ghal dawk l-artikoli li jitkellmu fuq provokazzjoni w cioe' l-Artikolu 230(c) tal-Kap. 9, qabel ma tasal biex tikkunsidra tali difiza tal-imputat.

Dan l-artikolu jipprovdi li l-offiza voluntarja fuq il-persuna hija skuzabbli jekk tkun ipprovokata minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna. Dan l-artikolu huwa bazat fuq il-Codice delle Due Sicilie li jifforma parti ntegrali mill-Kodici Penali taghna. L-artikolu 377 ta' dan il-Codice delle Due Sicilie jiddisponi hekk :-

"*gli omicidi volontari, le percosse e ferite volontarie ed ogni altra inguria ad offesa contro le persone sono scusabili*".

Ghalhekk jirrizulta minnufih li f'kull kaz fejn r-reazzjoni ha xi forma ta' reat fil-mohh tal-persuna l-ohra, dan l-agir jista' jkun skuzanti.

Il-provokazzjoni hija ammessa bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nnifsu minhabba l-passjoni kreata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu, li hu mportanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod. Fi kliem **Manzini** (vol 2 - pg 240- Diritto Penale) **:**

"*in uno stato di ira determinato da un fatto ingiusto altrui*".

**Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility*** jghid :

"*Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminunitiv of punishment because the*

*agent's ability to control his action is thought to have been impared or weakened, otherwise than by his own actions so that conformity to the law which has been broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed*".

Irid jigi enfasizzat minnufih li mhux kull azzjoni tista' tigi valutata bhala wahda kommessa taht provokazzjoni. Hemm diversi elementi li jridu jigu sodisfatti ghall-esiztenza ta' dan il-fattur skuzanti:-

a. l-att tal-provokazzjoni nnifsu;
b. it-telf ta' *self control* li jkun attwali u ragonevoli; u
c. r-reazzjoni trid tkun proporzjonata ghall-provokazzjoni.

1. Rigward l-ewwel element, il-Ligi taghna ma tispecifikax l-atti kollha li jistghu jaqghu skuzabbli bil-provokazzjoni. L-artikolu 230(c) u cioe' *wilful bodily harm shall be excusable if it is provoked by a crime committed against the person* m'humiex l-unici cirkostanzi li tippermetti l-provokazzjoni. Izda din hi ndikazzjoni li meta reat ikun kommess bhala rizultat ta' xi reat iehor fuq il-persuna opposta, dik hija indikazzjoni li dik l-istess persuna setghet qed tagixxi taht provokazzjoni kemm attwali kif ukoll ragonevoli.

**Manzini** fil-vol II fuq citata jghid :-

"*la potenzialita' provocatrice di un fatto deve valutarsi con criterii del tutto relative, in rapporto, cioe' alle qaulita' personali di chi si pretende provocato a quelle del provocato a rapporti anteriori tra due alle circostanze di luogo, tempo, ecc.*"

Fil-fatt **Carrara** jghid li ma tistax ssir referenza specifika ghal kull att li jista' jigi kawzat taht provokazzjoni peress li jrid isir *test* suggestiv ghal kull kaz. Ghaliex fil-fatt, azzjoni tista' tkun diretta lejn bniedem, kif fil-fatt gara fil-kaz in ezami u cioe' lejn John Psaila, u terza persuna tirreagixxi taht provokazzjoni.

**Manzini** a fol 126 Vol V jghid :-

"*mentre poi il paziente della provocazione deve essere in ogni caso tanto il reagente offeso nella sua persona o nelle sue cose quanto altre persone a lui..., come gia si e' accennato*".

Huwa necessarju li r-reazzjoni tal-akkuzat ma kinitx rizultat ta' xi opra ta' karita, izda li r-reat li gie kommess mill-agent ikkawza rabja kbira f'ghajnejn terzi li gieghlu jitlef il-kontroll. Huwa mportanti li dak li agixxa, ghamel hekk peress li hassu pprovokat bhal kwalsiasi bniedem normali iehor.

2. Rigward it-tieni element li dan ir-reat u cioe' li n-nuqqas ta' kontroll tal-persuna tieghek, irid ikun kemm attwali kif ukoll ragonevoli.

Nonostante li l-att kommess seta' kien provokattiv kontra dak li rcevih, huwa mportanti ghall-ezistenza tal-provokazzjoni li dan l-att kellu effett fuq minn ircevih, li jtellfu l-kontroll tieghu nnifsu. Dan l-att bilfors irid iqajjem *a sudden passion* jew *mental excitement* f'min agixxa taht il-provokazzjoni - kif imsemmi fil-Kodici Penale Taljan - 1889 - *l'impeto' del ira* jew *d'inteso dolore*.

**Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** - pg 208, jghidu :

"*In deciding this question of fact, the jury is naturally entitled to take into account all the relevant circumstances; the nature of the provocative act, the relevant conditions in which it took place, the sensitivity or otherwise of the receiver and the time, if any, which elapsed between the provocation and the act which caused the offience*".

Peress li l-kwistjoni tal-provokazzjoni hija kwistjoni ta' fatt jekk fil-fatt bniedem jigix provokat jew le minn certu agir, il-Qorti trid tiddeciedi jekk bniedem normali, kif jghidu l-Inglizi *a man in the street*, jirreagixxix bl-istess mod bhal dak li jkun agixxa hekk.

**Manzini** a fol 226-7 fit-***Trattato di Diritto Penale*** jghid:-

"*La potenzialita' provocatrice di un fatto deve valutarsi con criteri del tutto relativi, in rapporto, cioe alle qualita' personali di chi si pretende provocato, a quelle del provocatore ai rapporti anteriori fra i due alle circostanze di luogo, tempo, ecc. Percio' il Magistrato, Giudice incensurabile del fatto deve valutare la causa provocatrice senza alcun preconcetto, con la sola guida della propria conscienza e sulle basi delle circostanze concrete sopra indicate*".

3. It-tielet element u cioe' r-reazzjoni, trid tkun proporzjonali ghal provokazzjoni. Dan l-element huwa konness mal-element diskuss qabel. Intant, sabiex tezamina l-proporzjon tal-provokazzjoni, trid tiehu in konsiderazzjoni r-reazzjoni tal-bniedem komuni - fil-fatt dan l-element mhux wiehed separate, izda l-gudikant irid jiehdu f'konsiderazzjoni meta jigi biex jezamina jekk bniedem veru tilifx il-kontroll tieghu nnifsu w li fil-fatt l-azzjoni tieghu ma kinitx premeditata. Huwa necessarju li l-provokazzjoni tippresupponi l-proporzjoni bejn il-provokazzjoni u r-reazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk wara li elaborat fuq l-elementi necessarji ghall-ezistenza tal-provokazzjoni, thoss li dan il-kaz huwa wiehed li jinkwadra ruhu perfettament fuq dawn l-elementi.

Fil-fatt, il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nniffsu minhabba l-passjoni kreata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu, li hu mportanti, w ghalhekk agixxa b'dak il-mod. Fi kliem **Manzini** (vol 2, pg. 240 - ***Diritto Penale***) -

" *in uno stato di ira determinata da un fatto ingiusto altrui...*"

Kif jghid **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility:***

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutiv of punishment because the agents ability to control his action is thought to have been impared or weakened othewise then by his own actions so that conformity to the law which he had broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons normally placed.*"

Issa f'dan il-kaz l-imputat gie akkuzat b'diversi reati w principalment l-akkuza t'attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' John Psaila, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accientali w indipendenti mill-volonta' tal-imputat.

Jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat qabad injama u kisser hgiega tal-bieb u waddab *toaster* u kitla ma l-art. PC 1195 Debattista jghid li Psaila kien qallu li l-imputat kien laqtu f'rasu w fuq xufftejh bit-*toaster* u l-kitla, izda mhux bl-injama. Psaila lill-Ispettur Joseph Agius jghidlu li sa fejn jaf hu l-imputat vera kisser il-hgiega tal-bieb tal-aluminium u li qabad xi *toaster* u waddabha fid-direzzjoni tieghu, pero' ma laqtux. Meta xehed dan Psaila jzejjen dak li kien qal lil PC 1195 *a tempo vergine* tal-investigazzjoni w lill-Ispettur Agius u dan ghaliex jghid li l-imputat qaleb siggu, habat ghalih bl-injama meta kien fl-ufficcju tieghu w waddablu *toaster* u kitla fid-direzzjoni tieghu.

L-ispetturipprezenta certifikat mediku tal-feriti li allegatament kellu Psaila. Dan ic-certifkat jghid li Psaila kellu griehi ta' natrua hafifa fuq idu x-xellugija w fuq rasu in-naha tax-xellug. Psaila jghid pero' fix-xhieda tieghu li ssubixxa il-feriti bit-titjir tal-hgieg u jikkonferma li bil-kitla w bit-*toaster* ma ntlaqatx ghax kien tbaxxa.

L-imputat kemm *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu, kif ukoll aktar tard *viva voce* fil-Qorti, jghid li vera kisser il-hgiega tal-bieb tal-ufficcju ta' Psaila bl-injama w li waddab it-*toaster* u l-kitla ghal John Psaila. Pero' jghid ukoll li huwa kien qed ibati minn ansjeta' kbira, kif *del resto* jirrizulta mic-certifikat mediku esebit minnu, w li ghamel

dak li ghamel mhux ghax reid. Jghid ukoll li kien mitluf minn sensih.

Jirrizulta kemm mix-xhieda ta' PC 1195, kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Agius, li dak li qal l-imputat huwa veritier u li dejjem zamm mal-istess verzjoni tal-fatti, li huwa agixxa bil-manjera li agixxa ghaliex kien mugugh ghall-fatt li Psaila dejjem jaqbad mieghu, ma jifhmux u riedu bilfors igorr ragel ta' 230 kilo meta kellu certifikat mediku dwar is-sahha prekarja tieghu. Jghid ukoll li Psaila kien imqabbad mieghu, u fil-fatt dan jikkonfermawh il-kollegi tieghu. Jirrizulta wkoll li dan Psaila ghandu karattru difficli, tant li kienu telqu hafna mpjegati minn fuq ix-xoghol u sahansitra ghandhom xoghol iehor b'paga anqas, u li jittratta l-impjegati hazin. Jirrizulta inoltre li dan Psaila ghandu diversi akkuzi fil-konfront tieghu dwar l-imgieba tieghu mal-haddiema.

Dan qed jinghad mhux ghaliex din il-Qlorti qed tiggustifika dak li ghamel l-imputat, izda zgur li dan agixxa taht provokazzjoni li kienet wahda kontinwa. Zgur pero' minn dak li ntqal aktar 'il fuq, li l-akkuza tar-reat t'attentat ta' ferita gravi ma tirrizultax fil-konfront tal-imputat, u ghalhekk il-Qorti qed tilliberah minnha.

Dwar l-akkuzi naxxenti mill-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 u cioe' li hebb ghal ufficcjal pubbliku, jinghad li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dawn l-akkuzi, ghalkemm din il-Qorti qed tilqa' d-difiza tal-provokazzjoni dwar il-mitigazzjoni tal-piena.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien l-imputat li kkaguna l-feriti li allegatament kellu Psaila, w dan ghaliex kif stqarr Psaila stess il-feriti gew ikkagunati minhabba t-titjir tal-hgieg mill-hgiega tal-bieb u mhux ghaliex l-imptuat volontarjament ikkagunalu l-feriti. Din l-akkuza ma tirrizultax provata.

Dwar l-hames akkuza u cioe' li kkaguna hsara volontarja, din tirrizulta anke mill-ammissjoni tal-imputat stess, pero' jinghad li l-imputat *pendente lite* ghamel tajjeb ghall-hsara kkagunata minnu, tant li hallas id-danni subiti mill-garaxx

tal-ambulanzi w l-ufficcjal prosekutur iddikjara li d-danni materjali kollha gew imhallsa w dan fl-ammont ta' mitejn u hamsa w hamsin Ewro (€255), kif jirrizulta mir-ricevuta esebita fl-atti.

Peress illi din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuz ta' hebb, kif previst fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni tas-sitt akkuza, ghaliex din hija nkorporata fit-tieni akkuza, li taghha diga' sabitu hati.

Is-seba' akkuza, w cioe' li hedded serjament lil John Psaila b'delitt u cioe' bi qtil, dan mhux minnu w ma jirrizulta minn imkien.

Dwar it-tmien u d-disa' kontravenzjoni dawn ma jirrizultawx.

**<u>Dwar il-piena.</u>**

Il-Qorti fliet il-provi kollha w semghet ix-xhieda u rat li l-vittma Psaila hija persuna li kellha xi tghid ma' hafna mill-haddiema, w li l-impjegati li xehdu kollha stqarrew kemm hu bniedem insensittiv u li ma jittrattax lil kulhadd l-istess. Jirrizulta wkoll minn dak li qal Michael Borg, li Psaila diga' kiser dufrejh mal-awtoritajiet minhabba l-agir tieghu, ma' *nurses* fost affarijiet ohra. Jirrizulta li dakinhar li Psaila ordna lill-imputat sabiex igorr persuna ta' 230 kilo, dan kien imwegga' w Psaila ma riedx jifhem, tant li riedu jippeggora sahhtu. Illi ghalhekk il-Qorti tifhem li l-imputat agixxa taht provokazzjoni f'dak li ghamel.

Rat li l-feriti li ssubixxa Psaila kienu ta' portata zghira w li huwa ghamel tajjeb ghall-hsara minnu kagunata. Rat ukoll li l-imputat dam aktar minn sentejn sospiz b'nofs paga w li kellu jghajjex familja ta' tlett itfal fuq paga ta' tliet mija w hamsa w hamsin Ewro (€355) fix-xahar, li hija piena fiha nnifisha. Rat illi l-imputat qed ibati minn problemi mentali w li jinsab taht kura ghad-depressjoni w ansjeta' li huwa ghandu, skond ic-certifikat tat-tabib psikjatriku Dr. Vella Baldacchino (Dok. X), u dan skond l-imputat minhabba l-agir ta' Psaila. Rat li l-imputat ghandu

tifel bi bzonnijiet specjali w li ghalhekk ghandu bzonn hafna kura. Rat ukoll li ghal dawk l-akkuzi li qed issibu taghhom qed takkolji d-difiza tal-provokazjoni w li ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn, sabiex il-Probation Officer ikun jista' jghinu f'dan il-perijodu difficli li ghaddej minnu, w bl-isperanza li jzommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita'.

Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 95, 96 u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddikjara li qed issibu hati tal-akuzi ta' hebb u rezistenza ta' ufficcjal pubbliku, w talli fixklu fix-xoghol tieghu, u talli kkaguna hsara volontarja, w tiddeciedi li tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn millum, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta skond l-ordni hawn annessa. Tiddikjara in oltre li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra w tilliberah minnhom.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services, sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju.

Tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax u ma jingurjax lil John Psaila ghall-perijodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht penali ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220) kuljum fin-nuqqas.

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex l-imputat ma jitlifx ix-xoghol tieghu, u dan ghaliex l-incident in kwistjoni kien wiehed izolat fejn il-konsegwenzi kienu *de minimis*, u fejn il-Qorti laqghet ukoll id-difiza tal-provokazzjoni mill-vittma John Psaila.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------